C/2026/2102

29.4.2026

P10_TA(2025)0255

L-objettivi ewlenin għal-laqgħa tal-COP20 għas-CITES fl-Użbekistan

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025 dwar l-objettivi strateġiċi tal-UE għall-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), li għandha ssir f'Samarkand, l-Użbekistan, mill-24 ta' Novembru sal-5 ta' Diċembru 2025 (2025/2618(RSP))

(C/2026/2102)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-4 ta' Mejju 2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) bit-titolu "Global assessment report on biodiversity and ecosystem services" (Ir-rapport ta' valutazzjoni globali dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Lista l-Ħamra ta' Speċijiet Mhedda tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN),

— wara li kkunsidra l-prinċipju ta' prekawzjoni imsemmi fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-rapport ippubblikat fl-2024 mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti bit-titolu "The State of the World's Forests – Forest-sector innovations towards a more sustainable future" (L-Istat tal-Foresti tad-Dinja – Innovazzjonijiet fis-settur tal-foresti lejn futur aktar sostenibbli),

— wara li kkunsidra l-20 laqgħa li jmiss tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), li għandha ssir fl-Użbekistan mill-24 ta' Novembru sal-5 ta' Diċembru 2025,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar it-traffikar illeċitu ta' organiżmi selvaġġi, l-aktar reċenti r-Riżoluzzjoni 77/325 adottata fil-25 ta' Awwissu 2023,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' Mejju 2024 tal-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità bit-titolu "World Wildlife Crime Report – Trafficking in Protected Species" (Rapport dwar il-Kriminalità Dinjija marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi – Traffikar ta' Speċijiet Protetti),

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-2025 tal-Europol bit-titolu "The changing DNA of serious and organised crime – European Union Serious and Organised Crime Threat Assessment" (Id-DNA li qed jinbidel tal-kriminalità serja u organizzata – Valutazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar it-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata) (rapport UE-SOCTA),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni CITES Conf. 12.3 (REV. CoP19) bit-titolu "Permessi u ċertifikati",

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni CITES 19.66 bit-titolu "Rieżami tar-Riżoluzzjoni Conf. (Rev. CoP19) dwar il-Konformità u l-infurzar",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni CITES Conf. 17.6 (Rev. CoP19) bit-titolu "Il-projbizzjoni, il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tiffaċilita l-attivitajiet imwettqa bi ksur tal-Konvenzjoni",

— wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet CITES 19.81 sa 19.83 bit-titolu "Il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi konnessa mal-internet",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni CITES Conf. 12.10 (Rev. CoP15) bit-titolu "Ir-reġistrazzjoni ta' stabbilimenti li jrabbu speċijiet ta' annimali fil-magħluq għal skopijiet kummerċjali",

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 14.69 tas-CITES bit-titolu "Eżemplari mrobbija fil-magħluq u meħlusa fil-baħar",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni CITES Conf. 12.5 (Rev. CoP19) bit-titolu "Il-konservazzjoni u l-kummerċ tat-tigri u speċijiet oħra ta' qtates kbar Asjatiċi inklużi fl-Appendiċi I u l-Conf. 9.14 (Rev. CoP17) bit-titolu "Il-konservazzjoni u l-kummerċ tar-rinoċeronti Afrikani u Asjatiċi",

([1]) Brondizio, E. S., Settele, J., Díaz, S. & Ngo, H. T. (eds) "Global assessment report on biodiversity and ecosystem services" Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi, Bonn, 2019.

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni CITES Conf. 10.10 (Rev. CoP19) bit-titolu "Il-kummerċ ta' eżemplari tal-iljunfanti",

— wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet CITES 18.226 (Rev. CoP19), 19.107 u 19.108 bit-titolu "Il-kummerċ tal-iljunfanti Asjatiċi (*Elephas maximus*)",

— wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet CITES 19.275 sa 19.277 bit-titolu "Tassonomija u nomenklatura tal-iljunfanti Afrikani (*Loxodonta* spp.)", 18.117 (Rev. CoP19), 18.118 u 18.119 (Rev. CoP19) bit-titolu "Għeluq tas-swieq domestiċi tal-avorju", u 19.156, 19.157, 18.184 (Rev. CoP19), 18.185 (Rev. CoP19), bit-titolu "Stokkijiet u ħażniet (avorju tal-iljunfanti)",

— wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet CITES 19.68 sa 19.70 bit-titolu "Ir-Rieżami tal-Proċess tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Avorju",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni CITES Conf. 17.9 bit-titolu "Kummerċ tat-trofej tal-kaċċa ta' speċijiet elenkati fl-Appendiċi I jew II",

— wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet CITES 19.218 sa 19.221 bit-titolu "Is-sallur (*Anguilla* spp.)",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 132 tal-IUCN bit-titolu "Il-kontroll u l-monitoraġġ tal-kummerċ tal-vexxiki tal-għawm tal-gurbell rari biex jiġu protetti l-gurbelli rari fil-mira u jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-megafawna tal-baħar mhedda", adottata fil-Kungress Dinji tal-Konservazzjoni tal-IUCN tal-2021,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat Xjentifiku (SC69B) tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni, adottata fit-3 ta' Mejju 2024 ([2]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet CITES 19.169 sa 19.174 bit-titolu "Ir-rimi ta' eżemplari kkonfiskati" u r-Riżoluzzjoni CITES Conf. 17.8 (Rev. CoP19) bit-titolu "Ir-rimi ta' eżemplari nnegozjati u kkonfiskati illegalment ta' speċijiet elenkati fis-CITES",

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022 bit-titolu "Reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi" (COM(2022)0581),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttivi 2008/99/KE u 2009/123/KE ([3]) (id-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali riveduta),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar l-objettivi strateġiċi tal-UE għad-19-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), li saret fil-Panama mill-14 sal-25 ta' Novembru 2022 ([6]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([7]), li għandha l-għan li tippromwovi ż-żamma tal-bijodiversità u li tifforma l-pedament tal-politika Ewropea dwar il-konservazzjoni tan-natura, u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ([8]),

([2]) Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni, "Rapport tal-Kumitat Xjentifiku (SC69 b)", 2024, https://archive.iwc.int/pages/download.php?noattach=true&ref=22181&ext=pdf.
([3]) ĠU L, 2024/1203, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1203/oj.
([4]) *ĠU L* 277, 27.10.2022, p. 1, *ELI*: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj.
([5]) ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.
([6]) ĠU C 132, 14.4.2023, p. 41.
([7]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj.
([8]) ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([9]),

— wara li kkunsidra l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (GBF), adottat skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika u, b'mod partikolari, il-Mira 4: Inwaqqfu l-Estinzjoni tal-Ispeċijiet, Nipproteġu d-Diversità Ġenetika, u Niġġestixxu l-Kunflitti bejn il-Bniedem u l-Organiżmi Selvaġġi u l-Mira 5: L-Iżgurar ta' Ħsad Sostenibbli, Sikur u Legali u l-Kummerċ ta' Speċijiet Selvaġġi,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u b'mod partikolari, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 14 dwar il-konservazzjoni tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar u l-SDG 15 dwar il-protezzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-ekosistemi terrestri,

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-objettivi ewlenin għal-laqgħa tal-COP20 għas-CITES fl-Użbekistan (O-000035/2025 – B10-0013 u O-000036/2025 – B10-0014/2025),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 142(5) u 136(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-CITES hija l-akbar ftehim globali dwar il-konservazzjoni tal-organiżmi selvaġġi u t-Turkmenistan dan l-aħħar sar il-185 parti tas-CITES;

B. billi l-Appendiċi I tas-CITES jelenka l-ispeċijiet mhedda bl-estinzjoni, li huma jew li jistgħu jkunu affettwati mill-kummerċ; billi l-Appendiċi II jelenka l-ispeċijiet li jistgħu jiġu mhedda bl-estinzjoni sakemm il-kummerċ tal-eżemplari ta' speċijiet bħal dawn ma jkunx soġġett għal regolamentazzjoni stretta biex jiġi evitat użu inkompatibbli mas-sopravivenza tagħhom u sakemm il-kummerċ ta' dawn l-ispeċijiet ma jinġiebx taħt kontroll effettiv;

C. billi l-maġġoranza l-kbira tal-ispeċijiet soġġetti għall-kummerċ mhumiex protetti mis-CITES; billi l-kummerċ internazzjonali ta' speċijiet bħal dawn għadu mhux regolat u mhux dokumentat;

D. billi huwa importanti li l-bijodiversità terrestri, tal-ilma ħelu, tal-baħar u dik kostali jiġu protetti u li jiġi indirizzat it-theddid għalihom mill-użu mhux regolat, regolat ħażin u illegali tar-riżorsi terrestri, tal-baħar u riżorsi akkwatiċi ħajjin oħra;

E. billi, skont ir-rapport ta' valutazzjoni globali tal-IPBES dwar il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema, huwa meħtieġ li jitwaqqfu u jitreġġgħu lura x-xejriet attwali fit-telfien tal-bijodiversità; billi r-rapport jirrikonoxxi li l-isfruttament dirett ġie identifikat bħala wieħed mill-muturi ewlenin tat-tnaqqis globali tal-bijodiversità; billi t-telf tal-bijodiversità jaggrava l-effetti tat-tibdil fil-klima, iżid il-vulnerabbiltà għal avvenimenti estremi tat-temp, in-nixfa, u d-disponibbiltà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u ilma nadif;

F. billi l-valutazzjoni globali tal-Lista l-Ħamra tal-IUCN għal diversi speċijiet ta' klieb il-baħar elenkati fl-Appendiċi II tas-CITES tkompli turi tnaqqis qawwi fil-popolazzjoni globali fis-selvaġġ ta' aktar minn 80 %, u tindika li speċijiet bħall-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku għadhom qed jonqsu, u b'ħekk jaqbżu l-kriterji ta' elenkar tal-Appendiċi I; billi diversi speċijiet ta' klieb il-baħar fil-periklu għadhom sfruttati ħafna, u dan jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb l-infurzar u/jew li tali speċijiet jiġu elenkati fl-Appendiċi I;

G. billi terz tal-klieb il-baħar, ir-raj u l-kimeri huma mhedda bl-estinzjoni ([10]), u wieħed mill-fatturi ewlenin ta' dan it-tnaqqis huwa l-kummerċ internazzjonali tal-partijiet tagħhom u l-prodotti relatati tagħhom; billi huwa urġenti li jiżdiedu r-restrizzjonijiet għaliex il-potenzjal li l-biċċa l-kbira tal-klieb il-baħar jirkupraw minn tnaqqis bħal dan huwa limitat minħabba l-iżvilupp u r-riproduzzjoni bil-mod tagħhom ([11]);

([9]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.
([10]) IUCN, "The global status of sharks, rays and chimaeras" (L-istatus globali tal-klieb il-baħar, ir-raj u l-kimeri), 2024.
([11]) Finucci, B., Pacoureau, N., Rigby, C. L., Matsushiba, J. H., Faure-Beaulieu, N. et al., "Fishing for oil and meat drives irreversible defaunation of deep water sharks and rays", *Science*, Vol. 383, Ħarġa 6687, 2024, p. 1135-1141, https://doi.org/10.1126/science.ade9121.

H. billi s-sallura Ewropea (Anguilla anguilla), li tinsab f'periklu kritiku, bħalissa hija l-unika sallura elenkata fis-CITES; billi f'każ reċenti, il-frieħ tas-sallur Ewropej ġew iddikjarati bħala sallur Afrikan tal-pinna twila li għalihom ma japplikawx il-kontrolli fuq il-kummerċ internazzjonali; billi l-prinċipju ta' "speċijiet li jixxiebhu" tas-CITES jipprevedi li l-unitajiet tassonomiċi li jidhru simili huma elenkati fl-istess Appendiċi tas-CITES jekk unità tassonomika waħda jew aktar jiġu mhedda permezz tal-kummerċ internazzjonali; billi l-inklużjoni tal-ispeċijiet kollha ta' Anguilla fl-Appendiċi II tkun iġġustifikata għal raġunijiet ta' konservazzjoni u infurzar;

I. billi l-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni, fid-69 laqgħa tagħha fl-2024, esprimiet tħassib serju dwar iż-żieda fil-mortalità tal-qabdiet inċidentali marbuta mal-kummerċ internazzjonali dejjem jikber tal-vexxiki tal-għawm minn ħut bħal totoaba; billi l-vaquita qed tiffaċċja t-theddida tal-estinzjoni u issa tinsab f'periklu kritiku minħabba t-tħabbil fl-għażel imqiegħed biex tinqabad it-totoaba, li hija stess hija speċi f'periklu kritiku; billi s-sitwazzjoni tat-totoaba u l-vaquita diġà ġiet deskritta bħala "estinzjoni doppja" ([12]);

J. billi l-kodiċi tas-sors R ([13]) intuża dejjem aktar għall-permessi tal-esportazzjoni għal unitajiet tassonomiċi inklużi fl-Appendiċi II tas-CITES mingħajr valutazzjoni tal-adattabilità tal-applikazzjoni tiegħu ([14]); billi l-ispeċijiet tal-baħar u akkwatiċi huma fost l-unitajiet tassonomiċi li għalihom il-kodiċi tas-sors R seta' ntuża b'mod mhux xieraq, fosthom xi speċijiet ta' sturjuni u sallur Ewropej;

K. billi fl-2021, l-IUCN żiedet il-livell ta' theddida tal-iljunfant Afrikan tas-savana (*Loxodonta africana*) minn Vulnerabbli għal Fil-Periklu u elenkat l-iljunfanti tal-foresti Afrikani (*Loxodonta cycotis*) separatament bħala F'Periklu Kritiku, wara tnaqqis fil-popolazzjoni madwar l-Afrika ta' aktar minn 60 % għall-iljunfanti Afrikani tas-savana u 86 % għall-iljunfanti tal-foresti Afrikani fi żmien tliet ġenerazzjonijiet ([15]);

L. billi d-Deċiżjoni 14.69 tas-CITES dwar eżemplari mrobbija fil-magħluq u meħlusa fil-baħar topponi t-tnissil kummerċjali u l-kummerċ tat-tigri għall-partijiet tagħhom; billi l-Istati Membri qed ikomplu jimportaw u jesportaw tigri ħajjin u partijiet tat-tigri rreġistrati taħt il-kodiċi tal-kummerċ tas-CITES;

M. billi l-falkun pellegrin huwa speċi prezzjuża, u hemm domanda kbira għalih għall-kummerċ internazzjonali b'diversi rapporti tal-media li jiddokumentaw ix-xiri illegali, inkluż f'pajjiżi Ewropej, u l-kummerċ illegali ta' din l-ispeċi;

N. billi l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi huwa xprunat minn domanda dejjem akbar għal prodotti derivati minn organiżmi selvaġġi u għal annimali domestiċi; billi hemm ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-isfruttament żejjed billi jitnaqqas l-użu tar-riżorsi naturali, kif ukoll billi jinbidlu x-xejriet tal-konsum u titnaqqas id-domanda globali għall-ispeċijiet selvaġġi;

O. billi l-UE hija ċentru ewlieni, punt ta' tranżitu u destinazzjoni għal eżemplari miksuba legalment u illegalment ta' fawna u flora selvaġġi, fejn it-traffikar tal-frieħ tas-sallur Ewropej huwa wieħed mill-aktar reati devastanti kontra l-organiżmi selvaġġi madwar id-dinja ([16]) u wieħed minn dawk li l-iżjed irendu flus ([17]);

P. billi t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi qed jiżdied drastikament u huwa r-raba' l-akbar kriminalità organizzata fid-dinja ([18]); billi r-reati tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi spiss ma jiġux prijoritizzati mill-gvernijiet jew mill-awtoritajiet tal-infurzar u billi l-awturi rarament jiġu prosekwiti; billi l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi tqieset li qed tibni fuq l-istrutturi kriminali eżistenti, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u t-traffikar tad-drogi; billi l-istudji tal-każijiet juru li t-traffikanti tal-organiżmi selvaġġi jistgħu jiċċaqalqu bejn komoditajiet ta' organiżmi selvaġġi u pajjiżi ta' oriġini differenti skont il-livell ta' infurzar u l-pressjoni tas-suq ([19]); billi l-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi;

([12]) L-Aġenzija għall-Investigazzjoni Ambjentali, "Dual Extinction: The illegal trade in the endangered totoaba and its impact on the critically endangered vaquita" (Estinzjoni Doppja: Il-kummerċ illegali fit-totoaba fil-periklu u l-impatt tiegħu fuq il-vaquita f'periklu kritiku", Briefing lis-66 Kumitat Permanenti tas-CITES, 2016.

([13]) "Kull sistema għandu jkollha kodiċi tas-sors assoċjat li għandu jintuża fuq il-permessi u ċ-ċertifikati tas-CITES.", il-paġna 3: CITES, "Guide to the application of CITES source codes" (Gwida għall-applikazzjoni tal-kodiċijiet tas-sors tas-CITES), 2024.

([14]) CITES, "Considerations and recommendations for ranching of marine species" (Kunsiderazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet għat-trobbija fl-akkwakultura tal-ispeċijiet tal-baħar), 2023, https://cites.org/sites/default/files/documents/E-AC32-25-02.pdf.

([15]) IUCN, "African elephant species now Endangered and Critically Endangered - IUCN Red List" (L-ispeċijiet tal-iljunfanti Afrikani issa fil-Periklu u fil-Periklu Kritiku - Lista l-Ħamra tal-IUCN), 2021, https://iucn.org/news/species/202103/african-elephant-species-now-endangered-and-critically-endangered-iucn-red-list.

([16]) Europol, "Law enforcement casts net over 256 eel smugglers" (Il-forza tas-sigurtà taqbad fix-xibka aktar minn 256 kutrabandist tas-sallur), 2023. https://www.europol.europa.eu/media-press/newsroom/news/law-enforcement-casts-net-over-256-eel-smugglers.

([17]) Europol, "The changing DNA of serious and organised crime – European Union Serious and Organise Crime Threat Assessment" (Id-DNA li qed tinbidel tal-kriminalità serja u organizzata – Valutazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar it-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata) (ir-rapport UE-SOCTA), 2025, https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/EU-SOCTA-2025.pdf.

([18]) Infurzar tal-Immigrazzjoni u Doganali tal-Istati Uniti, "Wildlife Trafficking" (Traffikar tal-Organiżmi Selvaġġi), https://www.ice.gov/about-ice/hsi/investigate/wildlife-trafficking.

([19]) L-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità, Ir-Rapport Dinji dwar ir-Reati marbutin mal-Organiżmi Selvaġġi – It-Traffikar ta' Speċijiet Protetti, 2024.

Q. billi l-aħħar rapport UE-SOCTA ([20]) dwar il-kriminalità serja u organizzata jenfasizza li l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi għadha theddida persistenti, b'attivitajiet ta' traffikar sostnuti minn domanda u provvista kontinwi kemm fis-swieq tal-konsumatur tal-UE kif ukoll f'dawk mhux tal-UE, u t-traffikanti qed jirrikorru dejjem aktar għall-kummerċ ta' speċijiet mhux elenkati fis-CITES biex jevitaw l-identifikazzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi;

R. billi d-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali riveduta tipprovdi qafas armonizzat li jippermetti d-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' reati ambjentali u tistabbilixxi livell dissważiv ta' penali, inkluż għall-persuni ġuridiċi;

S. billi hemm tħassib dejjem akbar fl-UE u fl-Istati Membri tagħha dwar il-kummerċ ta' annimali mrobbija fil-magħluq, inkluża l-legalità tal-istokk fundatur u l-ħasil ta' eżemplari maqbuda fis-selvaġġ;

T. billi, f'konformità mar-Riżoluzzjoni CITES Conf. 17.8 (u CoP20 Dok. 64.1–64.3) u mal-Objettiv 14 tal-pjan ta' azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, l-UE għandha trawwem kooperazzjoni strutturata u kondiviżjoni ta' informazzjoni fil-livell tal-UE fost ċentri speċjalizzati ta' salvataġġ u riabilitazzjoni, inklużi santwarji, biex jiġu żgurati soluzzjonijiet ta' kura u tqegħid fit-tul u xierqa għall-ispeċijiet għall-annimali selvaġġi kkonfiskati;

U. billi l-provvista u d-domanda illegali għall-organiżmi selvaġġi żdiedu bl-iżvilupp tat-teknoloġija diġitali u l-media soċjali; billi l-internet għandu rwol ewlieni fl-iffaċilitar tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi u l-kummerċ mhux sostenibbli;

V. billi l-identifikazzjoni ħażina tal-ispeċijiet għandha impatt fuq l-istima preċiża tal-livelli ta' ħsad vijabbli għar-riżorsi tal-organiżmi selvaġġi, kif ukoll fuq id-detezzjoni tal-kummerċ illegali;

W. billi bejn l-2014 u l-2023, l-Unjoni Ewropea kienet it-tieni l-akbar importatur ta' trofej tal-kaċċa minn speċijiet elenkati fl-appendiċijiet tas-CITES; billi għadd dejjem akbar ta' pajjiżi Ewropej adottaw jew qed jikkunsidraw miżuri nazzjonali biex jirrestringu jew jipprojbixxu l-importazzjoni ta' tali trofej b'reazzjoni għal tħassib etiku, ta' konservazzjoni u ta' bijodiversità;

X. billi l-kaċċa sostenibbli tista' tiġġenera benefiċċji finanzjarji li jappoġġjaw il-konservazzjoni tal-ispeċijiet u l-protezzjoni tal-ħabitats u tal-bijodiversità, dment li l-attivitajiet tal-kaċċa jitwettqu taħt oqfsa ta' konservazzjoni nazzjonali u internazzjonali bbażati fuq ix-xjenza u pjanijiet ta' ġestjoni tal-popolazzjoni kkontrollati u vverifikati b'mod strett, sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda theddida għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet, għall-popolazzjonijiet tal-annimali u għall-protezzjoni tal-ħabitats u tal-bijodiversità, u li d-dħul jiġi allokat lill-komunitajiet lokali u lill-proġetti ta' konservazzjoni; billi valutazzjoni tal-impatt tal-kaċċa fuq il-popolazzjonijiet tal-annimali trid tkun ibbażata fuq data xjentifika robusta evalwata mill-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika; billi hija rakkomandata żieda fil-kontribuzzjonijiet għal proġetti ta' konservazzjoni u żvilupp komunitarju sostenibbli;

Y. billi r-riżultati reċenti tar-riċerka jissuġġerixxu li minkejja r-regoli l-ġodda tal-UE fis-seħħ mill-2022, it-traffikar tal-avorju għadu għaddej fl-UE; billi l-Kummissjoni jeħtiġilha timmonitorja l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda mill-Istati Membri, tittrasforma dawn ir-regoli f'leġiżlazzjoni kompletament vinkolanti u tagħlaq kwalunkwe lakuni li fadal;

Z. billi l-kaċċa illegali għall-kummerċ tal-avorju hija l-fattur ewlieni tat-tnaqqis fil-popolazzjoni tal-iljunfanti Afrikani; billi l-kummerċ illegali tal-avorju jagħmel ħsara lill-iżvilupp ekonomiku, irawwem il-kriminalità organizzata, jippromwovi l-korruzzjoni u jikkontribwixxi għall-kunflitti;

AA. billi s-CITES għandha rwol sinifikanti fit-tnaqqis tar-riskju ta' tfaċċar futur ta' mard żoonotiku assoċjat mal-kummerċ u s-swieq internazzjonali tal-organiżmi selvaġġi, li joħloq riskji serji għas-saħħa kemm tal-annimali kif ukoll tal-bnedmin, f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda";

AB. billi l-kummerċ u l-użu tal-organiżmi selvaġġi, jekk mhux regolati b'mod strett, jippreżentaw theddida għall-bijodiversità, jikkontribwixxu għall-qerda tal-ħabitats naturali u l-isfruttament tal-organiżmi selvaġġi u jimminaw l-isforzi globali biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima;

([20]) Europol, "The changing DNA of serious and organised crime – European Union Serious and Organise Crime Threat Assessment" (Id-DNA li qed tinbidel tal-kriminalità serja u organizzata – Valutazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar it-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata) (ir-rapport UE-SOCTA), 2025, https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/EU-SOCTA-2025.pdf

AC. billi huwa stmat li aktar minn 70 % tal-mard infettiv emerġenti huwa żoonotiku u joriġina minn organiżmi selvaġġi ([21]); billi ż-żamma ta' annimali selvaġġi bħala annimali domestiċi żżid ir-riskju ta' tixrid żoonotiku minħabba l-prossimità mill-qrib tagħhom għas-sidien umani; billi l-esperti huma tal-parir li jiġu limitati r-riskji żoonotiċi billi jiġu indirizzati s-swieq tal-organiżmi selvaġġi u billi jiġu żviluppati "listi pożittivi" jew "permessi" ta' speċijiet ta' annimali li jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, imrobbija u miżmuma bħala annimali domestiċi ([22]), filwaqt li jitqiesu kunsiderazzjonijiet oħra bħat-trattament xieraq tal-annimali, l-istatus ta' konservazzjoni u x-xejriet fil-popolazzjoni;

AD. billi huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejbu t-trasparenza u l-parteċipazzjoni effettiva tal-partijiet ikkonċernati ekonomiċi u soċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

Introduzzjoni

1. Ifakkar li l-Partijiet għas-CITES jirrikonoxxu li l-fawna u l-flora selvaġġi fil-ħafna forom sbieħ u varjati tagħhom huma parti insostitwibbli tas-sistemi naturali tad-dinja u jridu jiġu protetti għal din il-ġenerazzjoni u għal dawk li ġejjin;

2. Jirrikonoxxi, wara l-50 anniversarju tas-CITES, l-importanza kontinwa tal-konvenzjoni biex jiġi żgurat li l-kummerċ internazzjonali ta' eżemplari ta' fawna u flora selvaġġi jiġi rregolat sabiex ma jheddidx is-sopravivenza tal-ispeċijiet; jinnota, filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-konvenzjoni tiġi adattata għal sfidi ġodda u li qed jevolvu;

3. Jinnota li hemm sfidi ġodda u li qed jevolvu, inkluż żieda fid-domanda għal prodotti ta' organiżmi selvaġġi, iċ-ċiberkriminalità, it-telf tal-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, u l-ħtieġa ta' traċċabbiltà u infurzar akbar; jistieden lill-Partijiet tas-CITES jindirizzaw dawn l-isfidi, b'kooperazzjoni msaħħa, infurzar aktar b'saħħtu, u mekkaniżmi aktar effettivi biex jiġi żgurat kummerċ sostenibbli;

4. Jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċ prekawzjonarju u bbażat fuq ix-xjenza fl-implimentazzjoni tas-CITES biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-organiżmi selvaġġi kontra t-theddida dejjem akbar maħluqa mill-kummerċ internazzjonali għall-annimali individwali, l-ispeċijiet u l-bijodiversità u għas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali;

5. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar sinerġiji bejn is-CITES u trattati u ftehimiet rilevanti oħra, inklużi, fost l-oħrajn, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi u l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (UNTOC), li jiżguraw li l-objettivi ta' konservazzjoni jintlaħqu b'mod effiċjenti u effettiv;

Implimentazzjoni, konformità u infurzar

6. Jistieden lill-Partijiet kollha għas-CITES iżidu l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom tal-konvenzjoni, filwaqt li jużaw bis-sħiħ il-qafas legali disponibbli;

7. Jitlob lill-Partijiet kollha japplikaw b'mod konsistenti, trasparenti u imparzjali l-istrumenti previsti fis-CITES u d-deċiżjonijiet meħuda fl-ambitu tagħha biex tiġi promossa l-konformità mal-konvenzjoni, inkluż il-Programm ta' Assistenza għall-Konformità;

8. Jiddeplora l-użu tal-impatt ekonomiku negattiv bħala raġuni biex titneħħa s-sospensjoni tal-kummerċ ([23]) u jinsisti li reazzjoni affermattiva għal tali sejħa thedded u ddgħajjef il-proċess kollu fejn il-pressjoni ekonomika hija r-riżultat maħsub tas-sospensjonijiet kummerċjali;

([21]) CITES, "One health and CITES: Reducing human and animal health risks from wildlife trade" (Saħħa waħda u CITES: It-tnaqqis tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali mill-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi, 2022, https://cites.org/sites/default/files/documents/E-CoP19-23-02_0.pdf.

([22]) Toland, E., Bando, M., Hamers, M., Cadenas, V., Laidlaw, R. et al, "Turning Negatives into Positives for Pet Trading and Keeping: A Review of Positive Lists" (Indawru n-Negattiv f'Pożittiv għall-Kummerċ u ż-Żamma tal-Annimali Domestiċi: Reviżjoni tal-Listi Pożittivi), *Animals*, Vol. 10, Ħarġa 12, 2371, 2020, https://pmc.ncbi.nlm.nih.gov/articles/PMC7763047/pdf/animals-10-02371.pdf

([23]) "Several parties called for Oman's trade suspension to be lifted, pointing to its detrimental economic impacts" (Diversi partijiet appellaw biex titneħħa s-sospensjoni tal-kummerċ tal-Oman, filwaqt li indikaw l-impatti ekonomiċi detrimentali tagħha): L-Istitut Internazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli, Rapport Sommarju, 3-8 ta' Frar 2025 – it-78 Laqgħa tal-Kumitat Permanenti tas-CITES, 2025, https://enb.iisd.org/cites-standing-committee-78-summary.

9. Jistieden lill-Partijiet jiżguraw li l-proċessi ta' konformità skont is-CITES jiġu applikati b'mod ugwali għall-pajjiżi ta' tranżitu, tal-konsumatur u taż-żona ta' distribuzzjoni, biex jippromwovu infurzar konsistenti u jiżguraw li l-Partijiet kollha jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni;

10. Jitlob li t-traċċabbiltà tal-ħsad u tal-kummerċ tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES tissaħħaħ billi jittejbu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u jiġu żgurati t-trasparenza tul il-katina tal-provvista kollha u kollaborazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni;

11. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li d-definizzjonijiet u l-gwida attwali mhumiex biżżejjed peress li għadd dejjem jikber ta' speċijiet elenkati fis-CITES jeħtieġu sistemi ta' traċċabbiltà; jistieden lill-partijiet jadottaw riżoluzzjoni li tistabbilixxi standards ta' traċċabbiltà aktar ċari u konsistenti għall-ispeċijiet elenkati fis-CITES u gruppi tassonomiċi speċifiċi inklużi fl-Appendiċijiet, bħall-klieb il-baħar u r-raj;

12. Jirrikonoxxi l-kontribut essenzjali tal-informaturi, il-ġurnalisti, il-gwardjani tal-organiżmi selvaġġi u tal-foresti u d-difensuri tad-drittijiet ambjentali fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tas-CITES; jistieden lill-Partijiet kollha jżidu l-isforzi biex jiżguraw il-protezzjoni tagħhom u jipprovdulhom appoġġ istituzzjonali u legali;

13. Ifakkar fir-rwol kostruttiv u determinanti tas-soċjetà ċivili fil-ħolqien, fl-evoluzzjoni u fl-implimentazzjoni tas-CITES u jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni kontinwa tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tas-CITES;

14. Jissottolinja r-rwol ewlieni tal-infurzar tal-liġi li għandhom il-pulizija, id-dwana u l-ġudikatura fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali tal-organiżmi selvaġġi, li spiss ikun assoċjat ma' reati oħrajn; jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u permezz ta' korpi internazzjonali oħra, inklużi l-Europol, il-Eurojust, l-Interpol, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali u l-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità, u korpi rilevanti oħra; jitlob li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jingħataw riżorsi finanzjarji adegwati biex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom bis-sħiħ;

15. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-għodod offruti mill-oqfsa legali dwar il-protezzjoni tal-organiżmi selvaġġi permezz tal-liġi kriminali mhumiex sfruttati biżżejjed; jistieden lill-partijiet kollha jidentifikaw u jagħlqu l-lakuni fl-oqfsa legali tagħhom dwar il-protezzjoni tal-organiżmi selvaġġi permezz tal-liġi kriminali; iħeġġeġ ir-rikonoxximent tar-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi fil-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi;

16. Jissottolinja l-importanza tal-ewwel laqgħa tal-grupp ta' esperti intergovernattiv miftuħ dwar reati li jaffettwaw l-ambjent, imlaqqa' skont ir-Riżoluzzjoni 12/4 tal-UNTOC, biex jittieħed kont tal-esperjenzi u jiġu kkunsidrati r-reazzjonijiet possibbli għan-nuqqasijiet identifikati, inklużi l-possibbiltà, il-fattibbiltà u l-merti ta' kwalunkwe protokoll addizzjonali għall-UNTOC; f'dan il-kuntest, jenfasizza l-ħtieġa li jitkompla l-appoġġ għall-iżvilupp ta' protokoll ġdid tal-UNTOC dwar it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025, kif espress ukoll fir-Reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi;

17. Jenfasizza l-ħtieġa ta' involviment akbar tal-unitajiet tal-intelligence finanzjarja u tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tas-CITES;

18. Jistieden lill-Partijiet kollha jindirizzaw ir-rwol tal-korruzzjoni fl-iffaċilitar tal-kriminalità li tinvolvi l-fawna u l-flora, inkluż billi jistabbilixxu mekkaniżmu ta' relazzjoni kollaborattiva bejn l-awtoritajiet tas-CITES u l-korpi kontra l-korruzzjoni biex jiffaċilitaw azzjoni rapida u effettiva fejn jiġu identifikati attivitajiet korrotti b'rabta mal-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi; jappoġġja bil-qawwa l-emendi għall-paragrafu 4 tar-Riżoluzzjoni Conf. 17.6 (Rev. CoP19) sottomessa lill-CoP20 li tħeġġeġ lill-Partijiet jiżguraw li tali mekkaniżmi jkunu fis-seħħ;

19. Iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jesploraw, fejn applikabbli, għażliet għall-prosekuzzjoni ta' dawk li jorganizzaw jew jippermettu t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi skont liġijiet li jindirizzaw direttament il-korruzzjoni, peress li dawn jistgħu jipprovdu setgħat investigattivi aktar b'saħħithom u l-potenzjal għal penali ogħla minn dawk applikabbli skont il-leġiżlazzjoni ambjentali;

20. Jirrimarka li l-flussi finanzjarji illeċiti marbuta mal-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi jimminaw l-għanijiet ta' implimentazzjoni u konservazzjoni tas-CITES; jirrimarka l-importanza tal-irkupru tal-assi bħala għodda biex jitneħħew l-inċentivi finanzjarji għall-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi; jistieden lill-Partijiet jistabbilixxu miżuri li jippermettu t-traċċar, l-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska tal-mezzi strumentali u r-rikavat mill-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi, inkluż permezz ta' implimentazzjoni msaħħa tar-Riżoluzzjoni Conf. 11.3 (Rev. CoP19) dwar il-konformità u l-infurzar;

21. Jistieden lill-Partijiet jikkonformaw bis-sħiħ mar-Riżoluzzjoni Conf. 11.3 (Rev. CoP19) dwar il-konformità u l-infurzar u r-Riżoluzzjoni Conf. 17.6 (Rev. CoP19) dwar il-projbizzjoni, il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jappoġġja l-emenda proposta għar-Riżoluzzjoni Conf. 11.3 (Rev. CoP19) biex jiġu integrati l-investigazzjonijiet tal-kriminalità finanzjarja fl-investigazzjoni ta' reati li jinvolvu l-organiżmi selvaġġi, u jiżdied l-użu ta' tekniki ta' investigazzjoni finanzjarja biex jiġu identifikati l-kriminali involuti fil-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi u n-networks tagħhom u jiġu indirizzati l-flussi finanzjarji illeċiti assoċjati minn dawn ir-reati;

22. Jenfasizza li l-kondiviżjoni tad-data rilevanti bejn l-awtoritajiet u l-korpi xierqa, pereżempju, dwar il-ħruġ u l-verifika ta' dokumenti bħall-applikazzjonijiet għall-importazzjoni, tappoġġja l-implimentazzjoni u l-infurzar tas-CITES billi tibni għarfien espert, ittejjeb it-trasparenza u t-traċċabbiltà, tippermetti monitoraġġ f'ħin reali, taċċellera l-proċessi amministrattivi u tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi, pereżempju, permezz ta' kondiviżjoni aħjar tad-data fost l-Istati Membri tal-UE, inkluż dwar applikazzjonijiet ta' importazzjoni miċħuda;

23. Jappella għal diġitalizzazzjoni akbar u aktar sistematika li tippromwovi u tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data, ittejjeb it-traċċabbiltà tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES, tappoġġja l-infurzar, u trawwem ambjent tan-negozju prevedibbli u effiċjenti, filwaqt li timminimizza l-piżijiet bla bżonn fuq il-kummerċ legali;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw azzjoni fil-livell tal-UE u tas-CITES biex jiżguraw li r-restrizzjonijiet għal eżemplari ta' speċijiet li għalihom il-kummerċ kummerċjali huwa pprojbit, ma jiġux evitati billi dawn l-ispeċijiet jinbiegħu għal skopijiet allegatament mhux kummerċjali, bħal fil-każ tal-bejgħ tal-eżemplari tar-rinoċeronti bojod tan-Namibja lill-Istati Uniti ([24]);

25. Jappella għall-integrazzjoni ta' teknoloġiji emerġenti, bħas-sistemi ta' traċċar ibbażati fuq l-IA u s-sorveljanza bid-droni, biex jissaħħu l-isforzi ta' detezzjoni u infurzar;

Teħid ta' deċiżjonijiet, trasparenza u rapportar

26. Jilqa' r-rapporti annwali dwar il-kummerċ illegali bħala pass sinifikanti lejn l-iżvilupp ta' fehim aħjar tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi;

27. Jilqa' l-emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ([25]) u d-dokument ta' gwida rivedut dwar ir-reġim tal-UE li jirregola l-kummerċ tal-avorju u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timmonitorja b'mod strett l-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri;

28. Jisħaq li d-deċiżjonijiet adottati mill-Partijiet għas-CITES u mill-korpi governattivi tas-CITES għandhom ikunu bbażati kemm fuq kriterji xjentifiċi mmirati lejn il-konservazzjoni tal-ispeċijiet, iggwidati mill-aħjar informazzjoni xjentifika robusta disponibbli u mill-prinċipju ta' prekawzjoni, kif ukoll fuq konsultazzjoni ekwa mal-istati taż-żona ta' distribuzzjoni affettwati;

29. Iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jiżviluppaw għodod xjentifiċi biex jipprovdu data xjentifika robusta biex tinforma d-deċiżjonijiet rigward il-protezzjoni tal-ispeċijiet u r-regolamenti kummerċjali skont is-CITES, inklużi s-sistemi ta' monitoraġġ, l-immudellar tal-popolazzjoni u r-riċerka speċifika għall-ispeċijiet;

30. Jistieden lill-kumitati CITES jikkunsidraw bis-sħiħ il-leġittimità, il-preċiżjoni u r-rilevanza tad-data u l-evidenza meta jieħdu deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ispeċijiet u r-regolamenti kummerċjali u, b'mod partikolari, meta jiddeliberaw dwar il-leġittimità tas-sejbiet tal-akkwist legali, is-sejbiet mhux detrimentali, il-kwoti u l-limiti tal-qbid ipprovduti mill-Partijiet, u jimponu sospensjonijiet kummerċjali meta jkun hemm tħassib sostanzjat;

31. Jinnota t-talbiet biex xi speċijiet jitniżżlu mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II minħabba miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontra l-kaċċa illegali ta' suċċess ta' stati taż-żona ta' distribuzzjoni, bħal fil-każ tar-rinoċeronti bojod tan-Namibja; jisħaq li kwalunkwe tmexxija mil-lista tal-Appendiċi I għal dik tal-Appendiċi II tal-ispeċijiet għandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza, tkun ta' benefiċċju għall-popolazzjoni u l-ekosistemi lokali u twassal għal żieda fil-firxa tal-ispeċijiet fi ħdan il-firxa storika tagħha, u ma għandiextjintuża biex jiġu evitati r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tas-CITES;

([24]) Tench, T., "Surprise Sale of 40 White Rhinos from Namibia to American Buyers in Texas Raises Questions on CITES Compliance" (Il-bejgħ b'sorpriża ta' 40 Rinoċeront Abjad min-Namibja lil xerrejja Amerikani f'Texas iqajjem mistoqsijiet dwar il-konformità mas-CITES), l-Aġenzija tal-Investigazzjoni Ambjentali, 2024 https://eia.org/blog/surprise-sale-of-40-white-rhinos-from-namibia-to-american-buyers-in-texas-raises-questions-about-cites-compliance/.

([25]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/865/oj).

32. Jistieden lill-Partijiet jiżviluppaw linji gwida ċari dwar l-applikazzjoni ta' "trobbija fl-akkwakultura" għall-ispeċijiet akkwatiċi, filwaqt li jinnota li l-implimentazzjoni tas-CITES għall-ispeċijiet akkwatiċi toħloq sfidi speċifiċi u li l-użu ħażin ta' dan it-terminu jista' jimmina l-objettivi tal-Konvenzjoni; jappoġġja l-abbozz ta' riżoluzzjoni emendat dwar il-kummerċ, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ispeċi tas-sallura li jiddikjara li l-kodiċi tas-sors R jista' ma jkunx xieraq għall-użu għal dan il-ġeneru;

33. Jirrikonoxxi d-dipendenza ta' xi komunitajiet fuq speċijiet elenkati fis-CITES biex jappoġġjaw l-għajxien tagħhom, inkluż permezz ta' introjtu minn kummerċ sostenibbli u legali ta' organiżmi selvaġġi; ifakkar fl-importanza tal-involviment sinifikanti tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-CITES, inkluż fl-elenkar tal-ispeċijiet, u fl-implimentazzjoni tal-konvenzjoni; jirrikonoxxi li l-komunitajiet u l-istati lokali huma, u għandhom ikunu, protetturi essenzjali tal-fawna u l-flora selvaġġa tagħhom stess;

34. Jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' trasparenza u sorveljanza tal-operazzjonijiet tas-Segretarjat tas-CITES; jistieden lill-Partijiet jikkunsidraw mekkaniżmi biex itejbu t-trasparenza u jżidu s-sorveljanza ta' kif jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma; jitlob li jsir rappurtar regolari mis-Segretarjat dwar l-impenji pendenti kollha skont id-deċiżjonijiet eżistenti, li l-ħtiġijiet baġitarji u tal-persunal jiġu kkunsidrati fi kwalunkwe proposta għal kompiti ġodda, u li l-kumitat rilevanti jadotta termini ta' referenza qabel ma jirrekluta konsulenti esterni;

35. Jissottolinja l-importanza tat-trasparenza interistituzzjonali fil-pożizzjoni tal-UE għal-laqgħat tas-CITES; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiżguraw li d-Deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill relatati mal-pożizzjoni tal-UE għal-laqgħat tas-CITES ikunu disponibbli pubblikament għall-istituzzjonijiet tal-UE kollha qabel dawn il-laqgħat; jissottolinja l-importanza tat-trasparenza fl-iżvilupp tal-pożizzjonijiet tal-UE għal-laqgħat tas-CITES biex jiġu ffaċilitati l-involviment u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati qabel u matul is-CoPs;

Finanzjament u riżorsi oħra

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Partijiet kollha jiggarantixxu biżżejjed riżorsi finanzjarji, umani, tekniċi u teknoloġiċi għall-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-Konvenzjoni, filwaqt li jottimizzaw l-użu tar-riżorsi u l-mekkaniżmi attwali;

37. Jesprimi tħassib għall-ammont tax-xogħol dejjem jiżdied tas-Segretarjat tas-CITES, tal-Konferenzi tal-Partijiet u tal-kumitati fir-rigward tar-riżorsi disponibbli tagħhom;

38. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li għadd dejjem akbar ta' deċiżjonijiet b'mandat mill-Partijiet tas-CITES għadhom parzjalment jew kompletament mhux issodisfati kemm minħabba riżorsi insuffiċjenti kif ukoll minħabba n-nuqqas li tingħata prijorità xierqa lill-allokazzjoni tar-riżorsi disponibbli għall-implimentazzjoni tagħhom; jistieden lis-Segretarjat u lill-Partijiet jagħtu prijorità lill-kwistjonijiet relatati mal-mandat ewlieni tas-CITES u jidderieġu mill-ġdid ir-riżorsi lejn dawn il-kwistjonijiet;

39. Jitlob li l-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss tal-UE jalloka finanzjament iddedikat għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi u għall-appoġġ tal-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali; jissottolinja l-importanza li l-kriminalità ambjentali, inkluża l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi, tiġi integrata fil-prijoritajiet baġitarji futuri tal-UE, permezz ta' approċċ komprensiv li jgħaqqad l-aspetti tas-sigurtà, il-prevenzjoni, l-infurzar u l-kooperazzjoni internazzjonali;

Viżjoni strateġika tas-CITES: 2021-2030

40. Jappoġġja l-istqarrija tal-viżjoni ([26]) li sal-2030, "il-kummerċ internazzjonali kollu fil-fawna u l-flora selvaġġi jkun legali u sostenibbli, konsistenti mal-konservazzjoni fit-tul tal-ispeċijiet, u b'hekk jikkontribwixxi biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità, jiġi żgurat l-użu sostenibbli tagħha, u tintlaħaq l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli";

41. Jilqa' r-rikonoxximent tal-interkonnessjonijiet bejn is-CITES, il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi, l-SDGs u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika; jirrimarka wkoll il-ħtieġa li jiġu promossi sinerġiji mal-mekkaniżmu ta' rieżami tal-UNTOC;

([26]) Ir-Riżoluzzjoni Conf. 18.3 dwar Viżjoni Strateġika tas-CITES: 2021-2030.

42. Ifakkar fil-kontribut importanti li s-CITES tista' tagħti biex jiġu implimentati l-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, b'mod partikolari meta d-deċiżjonijiet meħuda skont is-CITES għandhom jirriflettu b'mod korrett l-istatus ta' konservazzjoni u l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet; jemmen li r-rieżami tal-viżjoni strateġika tas-CITES: 2021-2030 għandu jiġi indirizzat fil-CoP20, sabiex tiġi allinjata mal-Qafas Globali tal-Bijodiversità (GBF) ta' Kunming-Montreal u mal-qafas ta' monitoraġġ tiegħu;

43. Jappoġġja l-enfasi tal-Viżjoni Strateġika fuq il-kooperazzjoni u fuq l-iżgurar li l-Partijiet ikollhom il-mezzi u l-kapaċitajiet finanzjarji meħtieġa biex jimplimentaw il-Konvenzjoni; jinnota li l-enfasi għandu jkun allinjat mal-Għan D u l-Miri 20 u 21 tal-GBF ta' Kunming-Montreal dwar riżorsi finanzjarji adegwati, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-kooperazzjoni teknika u xjentifika, kif ukoll l-aħjar data, informazzjoni u għarfien disponibbli, u għandu jikkontribwixxi wkoll għalihom;

Approċċ Saħħa Waħda u r-rwol tas-CITES fit-tnaqqis tar-riskju li jfeġġu mard żoonotiku

44. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-CITES fit-tnaqqis tar-riskji tat-tixrid tal-patoġeni u t-tfaċċar ta' mard żoonotiku li huwa assoċjat mal-kummerċ internazzjonali tal-organiżmi selvaġġi u li joħloq riskji kemm ekoloġiċi kif ukoll għas-saħħa pubblika; jisħaq fuq l-importanza ta' approċċ prekawzjonarju, f'konformità mal-approċċ Saħħa Waħda, li jirrikonoxxi l-interkonnettività tas-saħħa tal-annimali, tal-bniedem u tal-ambjent meta tiġi vvalutata u msaħħa l-prevenzjoni ta' dawn ir-riskji;

45. Jistieden lill-UE u lill-Partijiet kollha jadottaw b'mod urġenti riżoluzzjoni li tħeġġeġ l-applikazzjoni ta' approċċ "Saħħa Waħda" għall-kummerċ internazzjonali tal-organiżmi selvaġġi skont is-CITES; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha japplikaw id-definizzjoni operattiva ta' Saħħa Waħda, kif żviluppata mill-Bord ta' Esperti ta' Livell Għoli, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni;

46. Jappella għall-kollaborazzjoni tas-CITES mal-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika biex jiġu żviluppati strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni għal kummerċ sikur, legali u traċċabbli, identifikazzjoni tar-riskju tal-mard, u trasport sigur ta' kampjuni bijoloġiċi; jilqa' l-programm konġunt mal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) li jindirizza l-lakuni fl-għarfien u jidentifika soluzzjonijiet prattiċi għat-tnaqqis tar-riskji ta' tixrid tal-patoġeni fil-ktajjen tal-provvista tal-organiżmi selvaġġi;

47. Ifakkar fil-gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, tal-OIE u tal-Programm Ambjentali tan-NU li tistieden lill-awtoritajiet nazzjonali jissospendu l-kummerċ ta' mammiferi selvaġġi ħajjin għal skopijiet ta' ikel jew tnissil fi swieq tradizzjonali sakemm ma jkunux fis-seħħ regolamenti effettivi u valutazzjonijiet tar-riskju adegwati; ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-IPBES biex jitneħħew l-ispeċijiet identifikati bħala li jippreżentaw riskju għoli ta' tfaċċar ta' mard mill-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi;

48. Jinnota bi tħassib li kwantitajiet sinifikanti ta' laħam tal-annimali domestiċi u selvaġġi għadhom jiddaħħlu b'kuntrabandu fl-UE, u dan joħloq riskji għas-saħħa tal-annimali u tal-bniedem kif ukoll għall-bijodiversità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw rispons koordinat tal-UE għal din il-kwistjoni, inkluż billi jistabbilixxu sistemi ta' ġbir ta' data dwar il-laħam minn annimali domestiċi u selvaġġi;

49. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Partijiet l-oħra kollha jiżguraw il-benessri tal-annimali ħajjin fil-faċilitajiet tat-tnissil u tul il-katina kummerċjali, filwaqt li jirrikonoxxi l-evidenza xjentifika li tindika li kundizzjonijiet ta' benessri inadegwati fiż-żamma, it-trasport u l-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi huma marbuta mat-tfaċċar u t-trażmissjoni ta' mard, u jheddu kemm is-saħħa tal-annimali kif ukoll dik tal-bniedem;

50. Jirrikonoxxi l-interazzjonijiet intensifikati bejn il-bnedmin, il-bhejjem u l-organiżmi selvaġġi, xprunati b'mod partikolari mit-tibdil fl-użu tal-art, mit-telf tal-ħabitats u mill-frammentazzjoni tal-ekosistema; jenfasizza li l-isfidi li jirriżultaw minn dawn l-interazzjonijiet jistgħu jwasslu għal kunflitt u trażmissjoni akbar ta' mard żoonotiku u tal-bhejjem, filwaqt li jħallu impatt negattiv fuq il-bijodiversità u l-benessri tal-annimali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw dawn ir-riskji permezz ta' strateġiji integrati ta' koeżistenza, inklużi l-preservazzjoni tal-ħabitats, miżuri ta' konservazzjoni tal-organiżmi selvaġġi bbażati fuq ix-xjenza, miżuri preventivi u sensibilizzazzjoni, u jiżguraw li l-implimentazzjoni tas-CITES tqis id-dinamika tal-koeżistenza bħala parti mill-isforzi usa' ta' konservazzjoni u tas-saħħa pubblika;

Tisħiħ tar-rwol tal-UE fil-ġlieda globali kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi

51. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex imexxu l-isforzi globali sabiex jintemm in-negozju kummerċjali ta' speċijiet fil-periklu u tal-partijiet tagħhom;

52. Jenfasizza li t-tħassib relatat mal-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi għandu jiġi inkluż b'mod sistematiku fil-politika kummerċjali tal-UE, inkluż permezz ta' ftehimiet bilaterali;

53. Jesprimi tħassib li l-avorju għadu qed jiġi ttraffikat fl-UE ([27]), minkejja l-emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ([28]) u d-dokument ta' gwida rivedut dwar ir-reġim tal-UE li jirregola l-kummerċ fl-avorju ([29]); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissostitwixxu dan id-dokument ta' gwida b'leġiżlazzjoni legalment vinkolanti dwar din il-kwistjoni;

54. Jenfasizza li n-nuqqas ta' qafas komuni tal-UE għad-dispożizzjonijiet tal-benessri dwar it-tnissil, iż-żamma u l-introduzzjoni fis-suq ta' speċijiet ta' annimali domestiċi għajr il-klieb u l-qtates, flimkien ma' regoli nazzjonali diverġenti, iwassal għal inkonsistenzi, lakuni fl-infurzar, konfużjoni għall-konsumaturi u, spiss, konsegwenzi serji għall-benessri tal-annimali għal speċijiet li mhumiex adattati biex jinżammu bħala annimali domestiċi, kif ukoll riskji għall-bijodiversità, is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, u l-konservazzjoni tan-natura; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi malajr lista pożittiva għall-UE kollha ta' annimali li jistgħu jinżammu jew jiġu nnegozjati bħala annimali domestiċi, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-istudju dwar il-ħtieġa, il-valur miżjud u l-fattibbiltà ta' tali lista, filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet tar-riskju xjentifiċi u l-kriterji ekoloġiċi;

55. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, wara l-implimentazzjoni futura ta' lista pożittiva għall-UE kollha, tipprovdi assistenza teknika u kompetenza esperta, biex tappoġġja lill-pajjiżi terzi fl-iżvilupp ta' listi pożittivi bbażati fuq ix-xjenza għall-kummerċ u s-sjieda tal-organiżmi selvaġġi, inkluża gwida dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-ispeċijiet, il-mekkaniżmi ta' infurzar, u l-oqfsa leġiżlattivi;

56. Jilqa' r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/130 tat-28 ta' Jannar 2025 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 865/2006 ([30]) biex jiġu implimentati r-rekwiżiti tar-Riżoluzzjoni tas-CITES Conf. 12.10 (Rev. CoP15) rigward ir-reġistrazzjoni ta' operazzjonijiet li jrabbu eżemplari ta' speċijiet ta' annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni fil-magħluq għal skopijiet kummerċjali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod strett l-implimentazzjoni u l-infurzar mill-Istati Membri u jitlob trażmissjoni f'waqtha tar-reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet lis-Segretarjat tas-CITES;

57. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, japplikaw skrutinju akbar għall-importazzjoni ta' trofej tal-kaċċa derivati minn speċijiet elenkati fis-CITES; jitlob li r-rekwiżiti għall-permessi tal-importazzjoni jiġu estiżi għat-trofej tal-kaċċa elenkati fl-Anness B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 ([31]), sakemm ma jkunx hemm evidenza xjentifika li turi mod ieħor;

58. Jenfasizza l-importanza kritika li tiġi stabbilita sistema ta' informazzjoni dettaljata tal-UE biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-kummerċ illeċitu ta' organiżmi selvaġġi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu r-regolamenti u l-għodod eżistenti, inkluża TRACES (Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji), sabiex jirreġistraw u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku data dwar l-ispeċijiet, il-volum u l-oriġini tal-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni kemm tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES, kif ukoll tal-ispeċijiet mhux elenkati fis-CITES biex ikun jista' jsir monitoraġġ aħjar tal-kummerċ, jiġu identifikati x-xejriet u r-riskji u jinformaw il-politiki u t-teħid tad-deċiżjonijiet futuri;

([27]) Riċerka reċenti mill-IFAW (https://www.ifaw.org/international/resources/elephant-in-the-net) turi li ammonti sinifikanti ta' avorju għadu qed jiġi nnegozjat online fl-UE u li ngħatat prova verifikabbli tal-legalità (ċertifikat) għal 9,9 % biss tal-avorju maħdum u 3,1 % biss tal-avorju mhux maħdum.

([28]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/865/oj).

([29]) ĠU C 528, 30.12.2021, p. 19.

([30]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/130 tat-28 ta' Jannar 2025 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 865/2006 fir-rigward tal-iżviluppi fil-qafas tas-CITES u l-possibbiltà li jinħarġu permessi retrospettivi (ĠU L, 2025/130, 29.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/130/oj).

([31]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/338/oj).

59. Jisħaq li l-CoP 20 tas-CITES tista' sservi bħala opportunità biex jiġu identifikati l-pajjiżi u r-reġjuni ewlenin li jesportaw annimali selvaġġi, bl-għan li jiġu introdotti kontrolli aktar stretti u jitħeġġu jadottaw miżuri preventivi stretti kontra l-esportazzjoni illegali;

60. Jilqa' l-kontribut tal-UE għall-appoġġ tal-isforzi biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-organiżmi selvaġġi globalment; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-inklużjoni ta' paragrafu ġdid fir-Riżoluzzjoni A/79/L.96 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2025 dwar l-indirizzar tat-traffikar illeċitu ta' organiżmi selvaġġi permezz tal-kriminalizzazzjoni tal-importazzjonijiet ta' kwalunkwe organiżmi selvaġġi jew prodott ta' organiżmi selvaġġi miksuba bi ksur tal-liġijiet nazzjonali u biex jassistu lill-pajjiżi sħab li huma sorsi ta' organiżmi selvaġġi u prodotti ta' organiżmi selvaġġi, punti ta' tranżitu u/jew destinazzjonijiet għall-bejjiegħa u x-xerrejja;

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi

61. Jirrikonoxxi l-progress li sar mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u partijiet ikkonċernati oħra; jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni kontinwa tal-pjan ta' azzjoni u l-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi umani u finanzjarji adegwati għall-implimentazzjoni tiegħu; jistieden lill-Istati Membri jiġbru u jipprovdu data biex jitkejjel u jiġi evalwat il-progress tagħhom;

62. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, inklużi dawk tal-prosekuzzjoni u tal-ġudikatura, biex jinvestigaw u jipproċessaw malajr u b'mod effettiv il-każijiet tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi, u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti;

63. Jisħaq fuq l-importanza tal-aġenziji ewlenin tal-UE, l-Europol, l-Eurojust u l-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) fl-indirizzar tat-traffikar illegali ta' organiżmi selvaġġi; jitlob appoġġ adegwat fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u l-proċedura baġitarja annwali biex jiġu żgurati riżorsi u persunal xierqa għal dawn l-entitajiet;

64. Jirrakkomanda li l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkriminalizzaw il-kummerċ u ż-żamma ta' organiżmi selvaġġi miksuba illegalment, irrispettivament mill-istatus ta' elenkar tagħhom fl-Appendiċijiet tas-CITES; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża r-riżultati tal-istudju ta' fattibbiltà dwar il-kriminalizzazzjoni tal-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi minn sorsi illegali ([32]) biex tippreżenta, bħala kwistjoni ta' prijorità, proposti leġiżlattivi rilevanti;

65. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-domanda dejjem tikber għal organiżmi selvaġġi ħajjin, kif ukoll prodotti ta' organiżmi selvaġġi, billi jimplimentaw u jappoġġjaw inizjattivi għat-tnaqqis tad-domanda bbażati fuq l-evidenza fl-Istati Membri tal-UE;

66. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-azzjonijiet lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-Objettiv 14 tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, biex tiżdied il-kapaċità għas-salvataġġ u r-riabilitazzjoni ta' organiżmi selvaġġi salvati mit-traffikar, permezz ta' riżorsi, finanzjament u taħriġ, flimkien ma' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex tittejjeb il-ġestjoni ta' annimali ħajjin ikkonfiskati;

Kriminalità organizzata, ċibersigurtà u annimali kkonfiskati

67. Jinsisti li l-kriminalità tranżnazzjonali marbuta mal-organiżmi selvaġġi għandha tiġi rikonoxxuta mill-Partijiet kollha bħala forma ta' reat serju, organizzat u predikat ([33]), li fil-forma l-aktar gravi tiegħu għandu jiġi rikonoxxut bħala ekoċidju; jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE jallinjaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom mad-definizzjoni tal-UNTOC ta' kriminalità serja billi jiżguraw li r-reati marbuta mal-organiżmi selvaġġi jiġu ttrattati bħala reati predikati punibbli b'mod xieraq skont il-kodiċijiet kriminali tagħhom;

68. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri kriminali dissważivi kontra attivitajiet illegali ta' xiri, traffikar u bejgħ ta' annimali selvaġġi;

([32]) Is-soċjetà għall-Bijoloġija tal-Konservazzjoni, "Resolving Uncertainties in the Legality of Wildlife Trade to Support Better Outcomes for Wildlife and People" (Is-soluzzjoni ta' inċertezzi dwar il-legalità tal-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi biex jiġu appoġġjati eżiti aħjar għall-organiżmi selvaġġi u għan-nies), https://conbio.onlinelibrary.wiley.com/doi/10.1111/conl.13110.

([33]) Ir-Riżoluzzjoni RES/77/325 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tappella lill-Istati Membri biex "jagħmlu t-traffikar illeċitu ta' speċijiet protetti ta' fawna u flora selvaġġi reat serju" (il-paragrafu operattiv 6), u biex "jirrieżaminaw u jemendaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif meħtieġ u xieraq, sabiex ir-reati marbuta mal-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi jiġu ttrattati bħala reat predikat" (il-paragrafu operattiv 9) https://digitallibrary.un.org/record/4020317?v=pdf.

69. Jirrikonoxxi l-isforzi li għaddejjin biex tiġi vvalutata l-ħtieġa tal-iżvilupp ta' protokoll dwar il-kriminalità ambjentali skont il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali; jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu kontinwu dwar din il-kwistjoni, b'enfasi fuq il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi; ifakkar fil-ħtieġa li l-protokoll jinkludi dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Partijiet jikkriminalizzaw l-importazzjoni u l-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi meħuda illegalment mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom;

70. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu kooperazzjoni, kondiviżjoni ta' intelligence u koordinazzjoni transfruntiera ma' awtoritajiet u istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti varji sabiex jiġġieldu l-involviment ta' gruppi kriminali organizzati fil-kummerċ illegali tal-ispeċijiet tal-organiżmi selvaġġi; jenfasizza l-ħtieġa ta' investiment fil-monitoraġġ u l-analiżi ta' żviluppi ġodda fis-swieq illegali tal-organiżmi selvaġġi u l-kriminalità assoċjata;

71. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali, ir-Regolament dwar il-Kummerċ ta' Organiżmi Selvaġġi ([34]), il-pjan ta' azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi u politiki oħra rilevanti tal-UE bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali ([35]); jistieden lill-Istati Membri jittrasponu d-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali u jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-direttiva sal-21 ta' Mejju 2026;

72. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw u jippromwovu rapportar konsistenti u trasparenti tal-annimali ħajjin kollha maqbuda jew ikkonfiskati lis-CITES, lill-Europol u lill-pajjiżi tal-oriġini; jistieden lill-Istati Membri jippermettu li r-rikavat maqbud u kkonfiskat mingħand it-trasgressuri jintuża biex jissaħħu l-kapaċitajiet tas-salvataġġ u tas-santwarji tal-organiżmi selvaġġi;

73. Jesprimi tħassib dwar kwistjonijiet mhux solvuti fl-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tas-CITES Conf. 17.8 (Rev. CoP19) dwar ir-rimi ta' eżemplari kkonfiskati elenkati fis-CITES; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida mtejba dwar il-ġestjoni immedjata, it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-infurzaturi, u għażliet xierqa ta' tqegħid biex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid ta' eżemplari fil-kummerċ;

74. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fiċ-ċiberkriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi biex jikkumbattuh, inkluż permezz tal-implimentazzjoni robusta u l-infurzar sħiħ tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali kif ukoll kooperazzjoni internazzjonali msaħħa sabiex jidentifikaw u jimplimentaw l-aħjar prattiki u jiżviluppaw miżuri biex jindirizzaw il-kummerċ online illegali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida speċifiċi tal-UE biex tindirizza ċ-ċiberkriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, filwaqt li tiżgura politiki kkoordinati madwar l-Istati Membri u trawwem il-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;

L-emendi fl-Appendiċijiet tas-CITES

75. Jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għall-proposti ta' inklużjoni fil-listi mressqa mill-UE u mill-Istati Membri tagħha biex jemendaw l-Appendiċijiet tas-CITES;

76. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-elenkar 'il fuq tal-ġeneri u l-ispeċijiet mhedda mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I tas-CITES wara valutazzjoni xjentifika, b'mod partikolari l-klieb il-baħar (*Selachii*), iż-żwiemel il-baħar (*Hippocampus*), il-kangarù tas-siġar (*Dendrolagus*), u l-marmoset mico (*Mico*); iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw proposti biex jiġu elenkati speċijiet rilevanti addizzjonali ta' klieb il-baħar fl-Appendiċi II tas-CITES, b'mod partikolari klieb il-baħar tal-fond bijoloġikament vulnerabbli bħall-kelb il-baħar gulper;

77. Jieħu nota tan-notifiki lill-Partijiet biex jikkonsultaw pajjiżi taż-żona ta' distribuzzjoni dwar proposta għat-trasferiment tal-ispeċijiet li ġejjin mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I: *Mobula spp.* (manta u mobui) ([36]), *it-typus Rhinocodon* (kelb balena) ([37]) u *Carcharhinus longiganus* (kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku) ([38]) u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex jappoġġjaw dawn it-trasferimenti;

([34]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/338/oj).

([35]) Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj.

([36]) CITES, Notifika lill-Partijiet, https://cites.org/sites/default/files/notifications/E-Notif-2024-133.pdf.

([37]) CITES, Notifika lill-Partijiet, https://cites.org/sites/default/files/notifications/E-Notif-2024-118.pdf.

([38]) CITES, Notifika lill-Partijiet, https://cites.org/sites/default/files/notifications/E-Notif-2024-134.pdf.

78. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-inklużjoni sħiħa tal-ispeċijiet mhedda, irrispettivament mid-distribuzzjoni ġeografika tagħhom, fl-Appendiċi I tas-CITES wara valutazzjoni xjentifika, b'mod partikolari l-iljunfanti (*Elephantidae*), l-iljuni (*Panthera leo*) u r-rinoċeronti (*Rhinocerotidae*);

79. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-inklużjoni ta' speċijiet mhedda fl-Appendiċijiet tas-CITES wara valutazzjoni xjentifika, b'mod partikolari iżda mhux esklużivament, il-ħamster komuni (*Cricetus cricetus*), l-għasfur tal-bejt (*Passer domesticus*), il-venewwa tat-Tramuntana (*Vanellus vanellus*) u l-alwetta tal-Ewrażja (*Alauda arvensis*);

80. Jistieden lill-UE u lill-Partijiet kollha jtejbu r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali fl-ispeċijiet anfibji u jinkludu tliet speċijiet Pelophylax fl-Appendiċi tas-CITES (*Pelophylax epeiroticus*, *P. shqipericus* u *P. ridibundus*);

81. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-elenkar 'il fuq jew l-inklużjoni fl-Appendiċijiet tas-CITES tal-ġeneri u l-ispeċijiet ta' qroll mhedda marbuta mad-deforestazzjoni tal-foresti pluvjali jew mal-ipproċessar f'injam tropikali, wara valutazzjoni xjentifika, b'mod partikolari t-tik (*Tectona grandis*), l-ebbanu (*Diospyros*) u l-kawba;

82. Iħeġġeġ lill-UE tivvaluta l-adegwatezza ta' kwalunkwe proposta biex il-falkun pellegrin jitniżżel mil-lista tal-Appendiċi I għal dik tal-Appendiċi II, f'konformità mal-kriterji definiti fir-Riżoluzzjoni Conf. 9.24 (Rev. CoP17), u topponi proposta bħal din jekk dawn il-kriterji ma jintlaħqux;

83. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-inklużjoni, jew l-elenkar 'il fuq, ta' speċijiet li huma mhedda mill-kummerċ tal-annimali domestiċi eżotiċi u jappoġġjaw il-proposti għall-elenkar ta' speċijiet endemiċi mhedda, kif ukoll il-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' eżemplari ħajjin jekk il-qbid jew l-esportazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet tkun ipprojbita mil-liġijiet nazzjonali tal-Parti rispettiva;

84. Jesprimi dispjaċir għad-domanda dejjem tikber għall-vexxiki tal-għawm tal-ispeċi *Sciaenidae*; jappella għal azzjonijiet biex jiġi żgurat li l-kummerċ internazzjonali ma jipperikolax is-sopravivenza tal-ispeċijiet jew jaggrava r-riskji għall-ispeċijiet protetti maqbuda b'mod inċidentali; jistieden lill-partijiet jipproponu speċijiet ta' tħassib għall-inklużjoni fl-Appendiċijiet fejn jiġu ssodisfati l-kriterji tas-CITES, biex jiġi żgurat kummerċ legali, traċċabbli u bijoloġikament sostenibbli;

Kwistjonijiet speċifiċi skont l-ispeċijiet

Speċijiet akkwatiċi

85. Jistieden lill-Istati Membri, kif ukoll lill-pajjiżi kollha ta' tranżitu u l-pajjiżi li jrabbu u jsemmnu s-sallur fl-akkwakultura, biex isaħħu l-kooperazzjoni u l-miżuri mmirati lejn il-ġlieda effettiva kontra l-kummerċ illegali tas-sallur, u ż-żarmar tan-networks kriminali u jiddedikaw riżorsi suffiċjenti għal dan il-għan; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li fil-CoP20 tiġi adottata riżoluzzjoni dwar il-kummerċ tal-eżemplari tal-*Anguilla spp*. kif ukoll l-elenkar tal-ispeċijiet kollha tal-ġeneru li fadal fl-Appendiċi II flimkien mas-sallura Ewropea;

86. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-klieb il-baħar u r-raj fiż-żamma tas-saħħa tal-ekosistemi tal-oċeani; iwissi li theddid serju relatat mal-kummerċ ikompli jpoġġi l-klieb il-baħar u r-raj f'riskju ta' estinzjoni, b'mod partikolari l-klieb il-baħar tal-fond; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġjaw u jikkosponsorjaw il-proposti u r-riżoluzzjonijiet tas-CITES immirati biex jipprovdu protezzjoni aktar b'saħħitha għall-ispeċijiet tal-klieb il-baħar u tar-raj minn kummerċ mhux sostenibbli u illegali, kif ukoll minn theddid ieħor li jipperikola s-sopravivenza tagħhom, bħad-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tniġġis;

87. Iħeġġeġ lill-Partijiet jikkondividu s-sejbiet mhux detrimentali żviluppati għall-ispeċijiet tal-klieb il-baħar u tar-raja; jistieden lill-Partijiet jieħdu azzjoni immedjata biex jindirizzaw id-diskrepanzi fid-data dwar il-kummerċ fil-prodotti tal-klieb il-baħar elenkati fis-CITES irreġistrati fil-Bażi tad-Data tal-Kummerċ tas-CITES u jtejbu l-konformità;

88. Jenfasizza d-diffikultajiet persistenti fl-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-kummerċ tal-qroll ħaj u tal-blat tal-qroll; jistieden lill-partijiet jappoġġjaw aktar ħidma fuq l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-ispeċijiet fil-kummerċ tal-qroll; jitlob rieżami potenzjali tad-dispożizzjonijiet rilevanti skont ir-Riżoluzzjoni Conf. 12.3 (Rev. CoP19) biex jiġu indirizzati l-lakuni fl-identifikazzjoni;

89. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-COP20 tadotta riżoluzzjoni biex ittejjeb l-istatus ta' konservazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-ispeċi gurbell rar (*Sciaenidae*);

90. Jistieden lill-UE, waħda mill-akbar importaturi ta' ħut ornamentali tal-baħar f'termini ta' valur ([39]), u lill-Partijiet kollha jappoġġjaw miżuri biex itejbu l-istatus ta' konservazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-ħut ornamentali tal-baħar;

Felini kbar

91. Jirrikonoxxi li xi speċijiet kbar ta' felini huma fost l-ispeċijiet elenkati fis-CITES l-aktar fil-periklu, u li l-konservazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-kummerċ ta' speċijiet ta' felini kbar elenkati fis-CITES jiffaċċjaw diversi sfidi; jitlob riżorsi finanzjarji adegwati proporzjonati ma' dawn l-isfidi; jappella għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ta' konservazzjoni marbuta biż-żmien u speċifiċi għall-pajjiż u għal impenji ta' konservazzjoni finanzjarji konkreti għal felini kbar;

92. Jinnota li r-Riżoluzzjoni Conf. 12.5 (Rev. CoP19) tobbliga lill-partijiet jipprovdu informazzjoni lis-Segretarjat tas-CITES dwar felini kbar Asjatiċi; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas persistenti ta' tweġiba minn Stati taż-żona ta' distribuzzjoni; jistieden lill-UE u lill-Partijiet kollha jadottaw deċiżjonijiet b'saħħithom relatati mal-felini kbar Asjatiċi maqbuda fil-CoP20;

93. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-kummerċ tat-tigri ħajjin u l-partijiet tal-ġisem tagħhom; jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt li r-regolamenti tal-UE dwar il-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi jonqsu milli jipprevjenu l-kummerċ tat-tigri mrobbija fil-magħluq u l-partijiet tal-ġisem tagħhom;

94. Jesprimi dispjaċir għall-proposta għat-tħassir tad-Deċiżjoni 18.105 dwar il-leopardi Asjatiċi minkejja t-tħassib dwar il-kummerċ illegali kontinwu; jistieden lis-Segretarjat tas-CITES iwettaq rieżami dettaljat tal-kummerċ illegali u tal-istatus ta' konservazzjoni tal-leopardi Asjatiċi u jippreżenta s-sejbiet aġġornati fil-CoP20; jitlob li jsir rieżami tar-Riżoluzzjoni Conf. 10.14 (Rev. CoP19) għall-prevenzjoni tal-isfruttament żejjed tal-ispeċi;

Iljunfanti

95. Jitlob appoġġ għall-bidla proposta fin-nomenklatura biex jiġu elenkati l-iljunfanti Afrikani taħt il-ġeneru *Loxodonta spp*. u għall-iżvilupp ta' qafas legali sempliċi u unifikat dwar il-kummerċ tal-iljunfanti Afrikani ħajjin maqbuda fis-selvaġġ, li jillimita l-esportazzjonijiet lejn programmi ta' konservazzjoni *in situ* jew żoni sikuri fis-selvaġġ fi ħdan il-firxa naturali u storika tal-ispeċijiet fl-Afrika;

96. Jinsab imħasseb dwar il-kummerċ illegali dejjem jikber fil-partijiet u d-derivattivi tal-iljunfanti Asjatiċi, b'mod partikolari online; jenfasizza l-importanza li tinżamm u tiġġedded id-Deċiżjoni 18.226 (Rev. CoP19) fil-CoP20; jinkoraġġixxi aktar kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati u l-Istati taż-żona ta' distribuzzjoni, filwaqt li jħeġġiġhom jinvolvu ruħhom b'mod aktar proattiv fid-diskussjonijiet u jaħdmu lejn it-tisħiħ tar-Riżoluzzjoni Conf. 10.10 (Rev. CoP19);

97. Jinsab imħasseb dwar il-progress limitat fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet 19.68 sa 19.70 dwar ir-rieżami tal-proċess tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar l-avorju (NIAP); jenfasizza l-ħtieġa ta' rieżami indipendenti tal-proċess tal-NIAP u għall-għoti ta' appoġġ tal-kapaċità lill-pajjiżi li ġew identifikati bħala sorsi ta' tħassib sinifikanti fil-kummerċ globali tal-avorju;

98. Jistieden lill-UE tiżgura li s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Kummerċ tal-Iljunfanti (ETIS) tibqa' mekkaniżmu robust u sors ta' informazzjoni dwar ix-xejriet fil-kummerċ illegali tal-avorju; jilqa' l-għodda l-ġdida mnedija fuq il-pjattaforma online ETIS biex id-data dwar is-sekwestru tal-ETIS issir disponibbli għall-pubbliku fil-livell tal-pajjiż;

99. Jistieden lill-UE u lill-Partijiet kollha jieħdu l-miżuri leġiżlattivi, regolatorji u ta' infurzar kollha meħtieġa biex jagħlqu s-swieq domestiċi tagħhom għall-kummerċ kummerċjali fl-avorju mhux maħdum u maħdum bħala kwistjoni ta' urġenza;

([39]) Biondo, M. et al, "An Updated Review of the Marine Ornamental Fish Trade in the European Union" (Reviżjoni Aġġornata tal-Kummerċ tal-Ħut Ornamentali tal-Baħar fl-Unjoni Ewropea), (2024), https://www.mdpi.com/2076-2615/14/12/1761.

100. Iħeġġeġ l-għeluq tas-swieq nazzjonali legali tal-avorju li fadal, bħala kwistjoni ta' urġenza u jistieden lill-UE u lill-partijiet kollha jopponu kwalunkwe proposta li tfittex li tneħħi r-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ tal-avorju;

101. Jistieden lill-UE u lill-partijiet kollha jappoġġjaw ir-rimi mhux kummerċjali tal-ħażniet tal-avorju kif ukoll ir-rimi mhux kummerċjali ta' ħażniet oħra minn speċijiet elenkati fis-CITES, inklużi l-pangolini u l-qrun tar-rinoċeronti; jistieden lill-UE u lill-Partijiet kollha jappoġġjaw it-tiġdid tad-Deċiżjonijiet 18.184 u 18.185 dwar il-ħażniet tal-avorju;

Speċijiet oħra

102. Jesprimi tħassib dwar ir-raġunijiet għad-dewmien biex tissejjaħ il-laqgħa tat-Task Force dwar l-Infurzar tar-Rinoċeronti tas-CITES; jisħaq fuq l-importanza li wieħed jaderixxi mad-dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis fid-domanda fir-Riżoluzzjoni CITES Conf. 9.14 (Rev. CoP19) dwar il-konservazzjoni u l-kummerċ tar-rinoċeronti Afrikani u Asjatiċi; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Partijiet jirrispettaw l-impenn tagħhom li jagħlqu s-swieq tal-qrun tar-rinoċeronti u jsaħħu l-kondiviżjoni tal-intelligence u l-operazzjonijiet konġunti biex jindirizzaw it-traffikar tal-qrun tar-rinoċeronti, inkluż billi jagħtu spinta lill-kooperazzjoni internazzjonali, iwettqu operazzjonijiet konġunti u jittraċċaw il-flussi finanzjarji;

103. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' trasparenza taċ-Ċina fir-rigward tal-ħażniet tal-pangolin tagħha; jistieden lill-Partijiet ikomplu jippreżentaw rapporti annwali dwar il-ħażniet tal-pangolin, kif deskritt fir-Riżoluzzjoni CITES Conf. 17.10 (Rev. CoP19) dwar il-konservazzjoni u l-kummerċ tal-pangolini; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet marbuta biż-żmien u li jistgħu jitkejlu bil-għan li jingħalqu s-swieq nazzjonali legali li jikkontribwixxu għall-kummerċ illegali u l-kaċċa illegali;

104. Jesprimi tħassib serju dwar it-tnaqqis kontinwu tal-popolazzjonijiet tal-vaquita u t-totoaba; jistieden lill-Messiku jimplimenta minnufih u bis-sħiħ il-pjan ta' azzjoni ta' konformità tiegħu dwar il-ħut totoaba; jistieden lis-Segretarjat tas-CITES jissospendi l-kummerċ mal-istat taż-żona ta' distribuzzjonital li naqas milli jimplimenta bis-sħiħ il-pjan ta' azzjoni ta' konformità tiegħu dwar il-ħut totoaba; jistieden lill-Istati Membri, kif ukoll lill-pajjiżi ta' tranżitu u ta' destinazzjoni kollha jsaħħu l-miżuri mmirati lejn il-ġlieda effettiva kontra l-kummerċ illegali u mhux sostenibbli tat-totoaba, u jiddedikaw riżorsi suffiċjenti għal dan il-għan;

105. Jistieden lill-UE telimina l-lakuni fil-leġiżlazzjoni tal-UE li jiffaċilitaw il-kummerċ illegali tal-għasafar selvaġġi, ittejjeb l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti li tipprojbixxi l-importazzjonijiet tal-għasafar maqbuda fis-selvaġġ u tappoġġja miżuri li jżidu r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-għasafar;

106. Jistieden lill-UE u lill-partijiet kollha jappoġġjaw miżuri biex itejbu l-istatus ta' konservazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-invertebrati;

107. Jinnota l-ħidma li għaddejja dwar il-konservazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-kummerċ fl-amfibji f'konformità mad-Deċiżjonijiet 19.197 sa 19.199 dwar il-konservazzjoni tal-anfibji (*Amphibia spp.*); jistieden lill-Partijiet ikomplu jindirizzaw l-impatt tal-kummerċ internazzjonali fiż-żrinġijiet fuq il-popolazzjonijiet selvaġġi, u jappoġġjaw aktar ħidma fuq il-konservazzjoni u l-kummerċ tal-anfibji fil-CoP20;

108. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu protezzjoni aktar b'saħħitha tal-ors polari (*Ursus maritimus*) u jindirizzaw it-theddid li jinħoloq għalih mill-isfruttament għall-kummerċ fit-trofej u l-ġlud;

°
° °

109. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu u lis-Segretarjat tagħha.